MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 293/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Norbert Ciappara)**

**Vs**

**Emanuel Farrugia**

Il-Qorti

1. Rat l-imputażżjoni dedotta kontra Emanuel Farrugia ta' 46 sena mwieled mid-19 t'April 1960 iben Angelus u Joan Azzopardi residenti 44 Triq Ħal-Qormi Marsa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 293260 (M)

Akkużat talli fil-11 t'Awwissu 2006 f'dawn il-Gżejjer

(a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma keinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni

maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skodn id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma keinx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-Presdient ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dna bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, *liema droga nstabet f'tali ċirksotanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu*

(b) U talli sar reċidiv ai terminu tal-artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Appell, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel fis-26 ta' Novembru 1999.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess li jinkludu t-tweġiba tal-imputat li mhux ħati, il-fedina penali tiegħu (fol 7 – 20), l-ordni tal-Avukat Ġenerali (fol 21), id-dokument a fol 33 (biċċa karta b'mobile number fuqha), il-proces verbal redatt mill-Maġistrat (illum Imħallef) Dr.Michael Mallia (dok NF) a fol 93, il-konferma tal-esperti maħtura matul l-inkjesta (fol 90), iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat bin-numru 2932 tas-sena 1960, ir-ritratti meħuda waqt l-inkjesta (fol 108), u r-riżultat negattiv tal-impronti diġitali (fol 119).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni

Ikkonsidrat

5. Skond is-Supretendent Norbert Ciappara, fil-11 t'Awwissu 2006, PC 138 kien avviċina lill-imputat. Meta l-imputat sar jaf li ser issir tfittxija fuqu, ħareġ żewġ boroż żgħarf tal-plastik mill-but au rameihom mal-art. Dawn deher li fihom sustanza suspettata eroina. (fol 28). Farrugia deher jaqla' s-sim card mill-mobile tiegħu.

6. Fil-kontro-eżami l-Prosekuzzjoni qalet li l-imputat kien akkumpanjat minn ibnu Jeremy Farrugia.

7. Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat qal li kien jirċievi l-għajnuna soċjali li kienet tammonta għal Lm36 fil-ġimgħa. Kien ilu ma jaħdem 18-il sena u l-karozza li kien biha fil-jum tal-arrest kien krieha l-imputat stess (fol 32). Mill-bqija ma wiġibx domandi oħra ħleif li qal li kien separat.

8. PC 138 Joseph Portelli xehed li hu kien ra lill-imputat idaħħal idejh fil-but tal-lemin u ma saqajh telaq żewġ boroż li fihom kein hemm trab kannella suspettata eroina. Imbagħad l-imputat ħareġ is-sim card u qasamha fi tnejn. Ix-xhud qal li d-duty tagħhom kein li josservaw lin-nies telgħin Għawdex. Ix-xhud żied jgħid li malli marru fuq l-imputat u ibnu kienu identifikaw ruħhom bħala Pulizija. Huwa rrepeta wkoll li x-xhud kien tefa' l-boroż ma' saqajh. (fol 39).

9. PC 102 Anthony Portelli kkonferma dak li xehed PC 138 Joseph Portelli (fol 42 et). Huwa u x-xhud l-ieħor kienu qalu lill-imputat u lil ibnu biex jersqu lejn il-karozza ħalli ssir tfittxija. Ix-xhud sema' lil sieħbu jordna lill-imputat joħroġ idu minn ġol-but u dak il-ħin ix-xhud ra żewġ boroż żgħar neżlin mal-art. Kienu waqgħu minn quddiem l-imputat eżatt x'ħin l-imputat ġie mal-vettura tiegħu. (Fol 43). PC 138 imbagħad sab karta b'numru ta' mobile fuqha. Kienu elevaw il-mobile, il-karta u ċ-ċwievet. Ix-xhud ikkonferma d-dokument a fol 33. Ix-xhud ikkonferma li meta ra l-boroż mal-art kien diġa' identifika ruħu bħala pulizija. L-imputat beda jgħid li l-boroż ma kinux tiegħu. Meta ra l-boroż neżlin dawn kienu għadhom lanqas waqfu mal-art. Waħda minnhom kienet għadha tiċċaqlaq. (fol 59).

10. Xehed ukoll is-sur Godwin Sammut li kkonferma li s-sustanza misjuba kienet 21.13 grammi ta' eroina b'purita' ta' ċirka 35%. Iż-żewġ boroż kellhom dawn il-piżijiet: 18.34 u 2.79 grammi rispettivament.

11. PS 1074 xehed li huwa kien mar ċ-Ċirkewwa fejn kien hemm PC 138 li tha l-evidence bag li kien fiha xi sustanzi fiha.

12. PC 404 Paul Camilleri ikkonferma r-ritratti li kien ħa.waqt l-inkjexsta. (fol 108)

**Xhieda Difiża**

13. Xehed l-imputat li qal li hu u ibnu kienu fil-kju għal Għawdex. L-imputat mar biex jixtri 7 UP. Is-CID, li l-imputat kien jafhom it-tnejn, marru fuq it-tifel. L-imputat mar ħdejhom meta rahom ikellmu lit-tifel. L-imputat innega li kien rem,a xi ħaġa għax hu kien ħdejn is-CID. L-imputat qal ukoll li l-borża keient xi tul t'a erba' karozzi. Fejn sabu l-borża kien hemm xi erba' min-neis fil-karozza. Il-Pulizija fittxew fil-karozza u ma sabu xejn. (fol 127). Huwa kkonferma li kien qasam is-sim card. Kien għamel hekk għax dak il-ħin hekk ħass – li ma kellux jagħti s-sim card. (fol 128).

**Konfront.**

14. Sar konfrotn tma' PC 138 li reġa' kkonferma li kien ra lill-impujtat idaħħal idu fil-but, telaq il-borża fl-art u kien taha daqqa ta' sieq. Kien dan ix-xhud li mar fuq l-imputat mhux l-imputat mar fuqhom. L-imputat kieh tah dahru meta x-xhud mar fuqu. Qal ukoll li l-borża ma kenitx bogħod mill-imputat. Għax din kienet fejn saqajn l-imputat. Filfatt l-imputat ipprova jgerbibha saqajh. L-imputat kien missha b'siequ iżda ma marritx 'il bogħod.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

15. L-ewwelnett dwar il-pussess. Il-Qorti m'għandha ebda dubju li x-xheida tal-Prosekuzzjoni hija mija fil-mija ta' min joqgħod fuqha. Ix-xhieda kienu qrib tal-imputat, wieħed minnhom saħansitra tah ordni biex joħroġ idejh mill-but, u kien f'pożizzjoni tajba biex jara l-boroż jaqgħu.

16. Ix-xhud l-ieħor kien ftit 'il bogħod u seta' jara kollox. Huwa kkonferma dak li qal ix-xhud l-ieħor.

17. Il-Qorti mhix temmen il-verżjoni tal-imputat. L-imputat stqarr li lix-xheida kien jafhom bħala CID u għalhekk għarafhom. Mhux tassew li huwa mar fuqhom. Il-Qorti aktar toqgħod fuq dak li ntqal minn PC 138 li fil-konfront xehed li saħansitra ra lill-imputat jagħti lill-borża bis-sieq.

18. Meta jeżistu żewġ verżjonijiet, il-Qorti hija ħielsa li tagħżel liema l-aktar waħda hija l-aktar attendibbli. Il-Qorti tagħżel dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Żgur ma tistax toqgħod fuq dik tal-imputat li pprova jagħti l-impressjoni li l-boroż keinu 'lbogħod minnu u li hu kien ħa l-inizjattiva biex imur huwa fuq is-CID. Bir-rimarka tiegħu li kien qasam is-sim card għax hekk deherlu kompla dgħajjef ix-xhieda tiegħu għax wieħed ma jaqsamx sim card **għax hekk deherlu** fiċ-ċirkostanzi li kien fihom l-imputat. La kif qal l-imputat il-borża kienet erba' karozzi 'l bogħod, x'raġuni kellu biex jaqsam is-sim card?

19. It-tieni: Il-Pussess Aggravat. Il-Qorti tinnota li mill-eżamijiet forensiċi rriżulta li kien hemm żewġ boroż waħda minnhom kellha piż ta'18.34 grammi l-oħra 02.79 grammi. Il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri diġa' qalet li l-piż waħdu jista' jkun ċirkustanza biżżejjed li l-imputat kellu l-intenzjoni li jispaċċja d-droga eroina.. Fil-fehma tal-Qorti piż ta' aktar minn 21 gramma eroina b'purita' għolja sew jindika dan.

20. Iżda ma' dan il-Qorti kkunsidrat li l-imputat kien barra it-triq biex jaqbad il-vapur lejn Għawdex. Kwantita' ta' eroina bħalma nstabet fuq l-imputat barra t-triq tkompli tikkonferma l-intenzjoni tal-ispaċċjar. Minn imkien ma jirriżulta li l-imputat kellu xi vizzju tad-droga. Fix-xhieda

mtellgħa mid-difiża jidher biss sforz li m'hu xejn konviċenti biex iwaqqa' l-provi tal-Prosekuzzjoni.

21. Isegwi li wara li Qorti qieset  dawn l-indizji kumulativament, jiġifieri

(a) l-ammont ta' droga,
(b) il-post fejn l-imputat instab biha, u
(ċ) n-nuqqas ta' xi referenza li l-imputat kellu l-vizzju tad-droga

l-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

**L-Addebitu tar-reċidiva**

22.  Il-Qorti ma sabitx prova dwar dan l-addebitu u għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih.

**Konklużjoni**

23.. Il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imptuazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

24. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra li l-imputat m'għandux fedina penali nadifa u għalhekk qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija ta' 19-il  xahar u għall-ħlas ta' multa ta' €1100 liema multa tista' titħallas b'rata t' 80 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa.   Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

25. Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna  lill-imputat iħallas is-somma ta' €200.70 (spejjeż tal-analista),  kif ukoll €84.24 u €21.06 (total € 306) bħala ħlas tal-eseprti matul l-inkjesta.

26. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------